# IL-FESTA TA' SAN DUMINKU FIL-BELT VALLETTA FL-1885

MINN WINSTON L. ZAMMIT

Il-Festa ta' San Duminku li ssir ta kull sena fil parroċċa ta' Santa Marija ta' Portu Salvu u San Duminku fil-belt Valletta, fl-1885 kellha mportanza partikulari, mhux biss fl-istorja ta' l-istess parroċċa, iżda ukoll fl-istorja u tal-Belt Valletta, għax f'dik is-sena reġgħet saret il-purċissjoni bil-vara ta' San Duminku mat-toroq tal-Belt Valletta wara li kienet inqatgħet għall xi zmien.

Il-Patrijiet Dumnikani tal-belt, kienu ta' kull sena jiċċelebraw il-festa tal-fundatur tagħhom fil-Bażilika ta' Santa Marija ta' Portu Salvu, iżda ma kientx issir il-pirċissjoni. Hekk insibu per eżempju li fl-1884 l-festa ġiet imfakka b'funzzjonijiet fil-knisja, mixgħela, logħob tan-nar, u bis-sehem tal-Banda. "La Nazionali Vincitrice ," iżda ma saritx purċissjoni. (1)

Iżda fil-festa tas-sena ta' wara 1885, bdiet issir il-purċissjoni. M'hemmx dubju li l-Patrijiet Dumnikani talbu l-permess ta' l-Amministratur Appostoliku tad-Djoċesi Mons. Fra Antonio Maria Buhagiar O.F.M. Cap., li minn naħa tiegħu ta l-permess meħtieġ. (2)
Iżda minnbarra l-permess ta' l-Isqof, il-Patrijiet talbu ukoll il-permess tal-Gvern.

**Petizzjoni lill Gvernatur.**
Fl-20 ta' Lulju 1885, il-Gvernatur ta' Malta Sir John Lintorn Simmons irċieva petizzjoni minngħand il-Patrijiet Dumnikani tal-belt. Fiha l-Patrijiet qalulu li kienet ix-xewqa tal-parroċċa, li l-ġurnata ddedikata għall ċelebrazzjoni tal-Festa ta' San Duminku (4 t'Awissu) kellha tiġi solenizzata b' purċissjoni bħal ma kien isir fil-festa ta' San Pawl, il-patrun tal-parroċċa l-oħra tal-Belt, u tal-qaddisin patruni tal-parroċċi l-oħra tal-gżira. Għaldaqstant talbu lill-Gvernatur biex jagħti l-permess "required for holding a procession annually on the date above mentioned, through Strada San Domenico, Strada Reale and Strada Mercanti by Strada San Giovanni."

Wara li rċieva din il-petizzjoni, l-Gvern fl-istess jum talab il-parir tal-pulizija. Ir-risposta tal-pulizija li ġġib ukoll id-data ta' l-20 ta' Lulju 1885 kienet li:

"It appears to be a general desire in the parish to hold this procession. There is no police objection against it." (3)

Għaddiet ukoll korrespondenza bejn l-Isqof Buhagiar u l-Gvernatur. (4)

Għaldaqstant il-Gvernatur ddeċieda li jagħti l-permess u kiteb hekk:

"Permission may be granted" 23.7.1885.
Ingħatat ukoll istruzzjoni biex id-deċizzjoni tal Gvern tiġi mwassla lid-Dumnikani u lis-Supretendent tal-Pulizija. (5)

Fil-23 ta' Lulju ta' l-1885, il-logotenent Gvernaturi u Segretarju Prinċipali Walter Hely Hutchinson kiteb, żewġ ittri : waħda lis-Segretarju ta' l-Isqof Buhagiar, u l-oħra lill-Patrijiet Dumnikani tal-belt u għall istorja se nġibhom kelma b'kelma:

The Secretary of H.L. The Bishop Administrator.
Sir,
With reference to your letter of the 22nd instant, I am desired by H.E. Governor, to state for the information of H.L. The Bishop, that he has been pleased to acced to the request of the Dominican Fathers, for holding an annual procssion the 4th August, the festival of St. Dominic.

Walter Hely Hutchinson
Lt. Gov. & Chief Secretary (6)

L-ittra l-oħra bl-istess data, indirizzata lil Patrijiet Dumnikani, kienet tgħid hekk:
Gentlemen,
In reply to your application presented on the 20th instant, soliciting permission for holding an annual permission on the 4th of August, the festival of St. Dominic, through Strada San Domenico, Strada Reale, and Strada Mercanti by Strada San Giovanni, I am desired by H.E. the Governor to inform you, that having communicated with the Bishop on the subject, and finding that on his part His Lordship has no objection. H.E. has been pleased to garnt your request, and has given the necessary instructions to the Supt. of police on the subject.

Walter Hely Hutchinson
Lt. Gov. & Chief Secretary. (7)

Bl-għotja tal-permess segħtet issir il-purċissjoni u hekk insib li fil-festa ta' l-1885, qrib is 7 ta' filgħaxija bdiet ħierġa l-purċissjoni li għaddiet mit-toroq prinċipali tal-Belt, bil-vara ta' San Duminku. Fl-istess purċissjoni ħa ukoll sehem l-Amministratur Appostoliku Mons. Fra Antonio Maria Buhagiar. (8)

1 Fede ed Azione 9. VIII. 1884
2 L' Ordine 29. VII. 1885
3 A (rkivju) N (azzjonali) M (alta) Petitions Simmons Vol 8 1582 / 1885
4 A.N.M. Petitions Simmons Vol 8 1582 / 1885, u Vol 68 letters (1st July - 30 Sept 1885) No 2850, 23. VII. 1885.
5 A.N.M. Petitions Simmons Vol 8 1582 / 1885.
6 A.N.M. Vol 68, Letters, ( 1st July - 30th September 1885) No 2850 23. VII. 1885.
7 Ibid. No 2851, 23. VII. 1885.
8 Fede ed Azione 11. VIII. 1885.